*Diskors ta' introduzzjoni minn Dr. Anton Tabone, President tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex, fl-okkażjoni tal-Akkademja li saret fil-Liċeo ta' Għawdex ad unur ta' Dr. Ninu Cremona f'għeluq id-90 sena tiegħu, nhar l-Erbgħa 27 ta' Mejju, 1970.*

Sur Kummissarju,
Prof. Aquilina,
Sur Headmaster,
Sinjuri mistidnin.

Inħossni onorat li sa niftaħ jiena din il-laqgħa u ferħan li, għalhekk, f'isem il-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex, ser inkun dalgħodu l-ewwel wieħed li nippreżenta il-*happy birthday* lill-konċittadin tagħna, Dr. Ninu Cremona. Ma hix ċertament ħaġa komuni li wieħed jilħaq id-90 sena, u hija ħaġa wisq inqas komuni li wieħed jilħaq din l-età veneranda u jikkonserva integri l-fakultajiet mentali tiegħu bħal ma kkonservahom Dr. Cremona, il-festeġġjat tagħna. Is-Sur Nin, kif nafuh affettwosament ilkoll, ikkonserva ukoll tajjeb biżżejjed il-fiżika tiegħu. Li ma kienx hekk ma kienx, kif rawh ħafna, jitla' t-telgħa tal-Kattidral ftit ilu f'okkażżjoni ta' funeral ta' wieħed tal-familja, bl-istess pass tal-parteċipanti l-oħra, u ma kienx l-anqas jitla', bħal ma rajtu jien stess ftit ilu ukoll, u stagħġibt, jitla' t-taraġ tal-uffiċċju tal-Kunsill tliet darbiet f'inqas minn kwarta żmien. U t-telgħa tal-Kattidral ma tiċċajtax u it-taraġ tal-Uffiċċju tal-Kunsill, kif nista' nixhed jien, ma jiċċajtax lanqas. Imma li jimpressjonak l-iktar huwa wiċċ is-Sur Nin li kważi ma jippreżentax sinjali ta' senilità imma huwa frisk u sabiħ bħal ma hu, mhux fir-ritratt tat-*Times of Malta* ta' dalgħodu, imma kif inhu fir-ritratt ta' *Leħen is-Sewwa* ta' nhar is-Sibt li għadda. Għalhekk kollox ma' kollox, is-sur Nin huwa, bla dubju, siġra qadima, imma siġra li għad għandha il-weraq tant ħodor u friski li kważi ma temmnux kemm hi kbira l-età tagħha.

F'din l-okkażżjoni ta' għeluq id-90 sena tiegħu ma nistgħux ma nsemmux is-servizz twil tiegħu mal-Gvern, il-karriera letterarja tiegħu u l-kontribut li ta biex l-ilsien Malti jieħu post onorat u jkun l-ilsien nazzjonali ta' pajjiż liberu u indipendenti. Dan il-kontribut kien tali li rebbaħlu il-medalja Ġużè Muscat Azzopardi u mbagħad ġie mogħti mill-Università Rjali tagħna id-dottorat fil-letteratura Maltija *Honoris Causa*, it-tieni wieħed wara Mons. Dun Karm Psaila. Kien għalhekk xieraq u f'waqtu illi l-Akkademja tal-Malti tkun dalgħodu, f'din l-okkażjoni tiġi rappresentata

minn personalitajiet hekk għolja li ġew minn Malta apposta u li r-Rettur u Viċi-Kanċillier tal-Università, il-Prof. Borg Costanzi, jiddelega bħala rappreżentant tiegħu għal din l-okkażżjoni, konċittadin tagħna, il-Professur Ġużè Aquilina, illi jokkupa hekk denjament il-kariga ta' Professur tal-Letteratura Maltija u ta' l-Ilsna Orjentali fl-Università ta' Malta. Kien xieraq u f'waqtu wkoll illi minħabba il-merti eċċezzjonali tas-Sur Nin fil-qasam letterarju din l-akkademja ad unur tiegħu issir fl-ogħla istitut tat-tagħlim f'Għawdex, il-Liċeo.

U wieħed ma jistax, f'din l-okkażżjoni ma jsemmix, b'sens ta' kburija ċivika, illi s-sisien tal-ilsien u l-letteratura maltija nbnew minn Għawdxin: De Soldanis, Ġużè Aquilina, Ġorġ Pisani, l-Avukat Anton Buttigieg, Marcell Mizzi, Mary Meilaq u ċertament u b'mod wisq għoli minn Ninu Cremona illi żejjen il-kollezzjoni letterarja Maltija b'xogħlijiet tal-palk, proża u versi, grammatika u regoli tal-ortografija u bid-dramm *Il-Fidwa tal-Bdiewa* li għollieh f'livell ferm għoli fost il-kittieba tal-Malti.

Fuq kollox irrid inħares lejh bħala patrijott Għawdxi, ġenwin, li sinċerament jinteressa ruħu mill-problemi ta' Għawdex u speċjalment, imma mhux esklusivament, mil-lat kulturali tiegħu, l-edukazzjoni taż-żgħażagħ tagħna u fil-futur tagħhom u fl-istorja ta' Għawdex, b'mod illi Għawdex huwa id-denominatur kostanti tal-ħsibijiet tiegħu. U issa nispiċċa biex għan-nom tal-Kunsill nifraħ lis-Sur Nin għall-ġieh li bil-kitba tiegħu ta' lil Għawdex u nifraħlu wkoll li bl-għajnuna t'Alla, laqa' u rebaħ l-isfida taż-żmien u għalaq id-90 sena ta' ħajja attiva u produttiva u fl-istess ħin nawgurawlu għomor itwal, hieni u fejjiedi.